# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Erbgħatax (14) ta’ Jannar 2021**

**Rikors Numru 1037/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Reactilab Limited**
**(C 56095)**

**Vs**

**Bethany Debattista (ID 007930L) eżerċjenti fil-kummerċ taħt ‘Hush Nail Salon’**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta’ Ottubru 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta’ rikorrenti tissupplixxi diversi prodotti kosmetiċi, inkluż dawk tad-ditti ‘New CID Cosmetics’ u ‘Dr. Grandel Kosmetik’;*
    2. *Illi s-soċjeta’ rikorrenti daħlet f’kuntratt mal-intimata, datat 20 ta’ Settembru 2017, fejn il-partijiet ftehmu li r-rikorrenti kellha tikkonsenja diversi prodotti kosmetiċi lill-intimata sabiex l-intimata tbigħhom mill-ħanut tagħha, u dan skont it-termini u kundizzjonijiet pattwiti (vide l-kuntratt esebit bħala Dok A)*
    3. *Illi r-rikorrenti silfet ukoll żewġ stands lill-intimata, waħda bil-prodotti ta’ ‘New CID Cosmetics' u l-oħra bil-prodotti ta’ 'Dr. Grandel Kosmetik’, kif jirriżulta minn klawżola 3.4 tal-kuntratt;*
    4. *Illi l-partijiet qablu li kemm l-istands kif ukoll il-prodotti suppliti kellhom jibqgħu propjeta' tas-soċjeta' rikorrenti;*

5. *Illi l-intimata kellha diversi obbligi naxxenti minn dan il-kuntratt, inkluż inter alia li timmarka l-prodotti suppliti mir-rikorrenti b'tabelli apposta biex tiddistingwihom minn prodotti oħra mibjugħa fl-istess ħanut (klawżola 3.3), li tagħti rendikont mensili lir-rikorrenti rigward l-ammont ta' prodotti mibjugħa f'dak ix-xahar, u li tħallas l-ammont ta' sitta u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€66.67) kull xahar għall-istand ta' 'New CID Cosmetics' (klawżola 3.4);*
6. *Illi inoltre l-intimata xtrat xi prodotti oħra mingħand is-soċjeta' rikorrenti, kif ser jirriżulta fis-smiegħ tal-kawża;*
7. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx sostenibbli stante li fi stadju bikri tar-relazzjoni, l-intimata bdiet taġixxi b'mod agressiv mal-ħaddiema tas-soċjeta' rikorrenti;*
8. *Illi dan kollu wassal lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tittermina r-relazzjoni kummerċjali, u tiftiehem data mal-intimata biex ir-rikorrenti tkun tista' tiġbor l-istands bil-prodotti li kienu jinsabu fl-istabbiliment tal-intimata;*
9. *Illi minkejja li kienet debitament avżata, l-intimata naqset milli tagħti aċċess għall-ħanut tagħha f'iżjed minn okkażjoni waħda, b'riżultat illi s-soċjeta' rikorrenti kienet kull darba kostretta tikkanċella l-arranġamenti li kellha u ssofri d-danni relattivi, kif ser jiġi ppruvat fil-kawża;*
10. *Illi r-rikorrenti interpellat lill-intimata ripetutament biex tonora l-obbligi tagħha, inkluż b'ittra legali datata 12 ta' Frar 2018 (vide Dok B) iżda l-intimata baqgħet inadempjenti u għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti kienet kostretta tapplika għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid, u tintavola l-kawża odjerna.*

*Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

i. *Tiddikjara li s-soċjeta' rikorrenti hija l-propjetarja taż-żewġ stands bil-prodotti tan-'New CID Cosmetics' u ta' 'Dr. Grandel Kosmetik';*
ii. *Tawtorizza li ż-żewġ stands bil-prodotti tan-'New CID Cosmetics' u ta' 'Dr. Grandel Kosmetik' jiġu rilaxxati a favur tas-soċjeta' rikorrenti ġialadarba dawn jiġu elevati permezz tal-mandat ta' qbid bin-numru ta' referenza 1567/2018, u fin-nuqqas tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għall-valur ta' dawn l-oġġetti u għad-danni kkawżati, tillikwida tali ammont u tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont likwidat lis-soċjeta' rikorrenti;*
iii. *Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammonti li ser jiġu ppruvati waqt is-smiegħ tal-kawża, tillikwida tali ammonti u tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont hekk likwidat;*
iv. *Tiddikjara li l-intimata kkawżat danni lis-soċjeta' rikorrenti, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont likwidat;*
v. *Tiddikjara li l-intimata kisret diversi obbligi naxxenti mill-kuntratt tal-20 ta' Settembru 2017, tillikwida l-ammont dovut ai termini ta' klawżola 8 tal-kuntratt de quo bħala danni prelikwidati u tikkundanna lill-intimata tħallas dan l-ammont lis-soċjeta' intimata;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru ta' referenza' 1567/2018 u bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.*

2. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2018, l-intimata ġiet debitament notifikata.

3. Rat illi fis-27 ta' Marzu 2019, meta ssejħet il-kawża, l-intimata la dehret u wisq anqas ma ppreżentat difiża, u għalhekk ġiet dikjarata bħala kontumaċi.

4. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

5. Rat l-affidavit ta' Maria Attard ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2019.

6. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2020, dehret l-intimata assistita u talbet tippreżenta rikors sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.

7. Rat illi fl-4 ta' Frar 2020, l-intimata ppreżentat rikors sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u tingħata l-possibilta' li tippreżenta d-difiża tagħha.

8. Rat illi fid-19 ta' Frar 2020, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat risposta għal tali talba, fejn opponiet għat-talba tal-intimata kontumaċi.

9. Rat illi fil-25 ta' Frar 2020 dina l-Qorti għaddiet biex tiċħad it-talba ta' l-intimata kontumaċja sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u tippreżenta d-difiża tagħha.

10. Rat illi, fuq talba tal-Qorti, is-soċjeta' rikorrenti pproduċiet lill-intimata kontumaċi Bethany Debattista bħala xhud fl-10 ta' Lulju 2020.

11. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2020 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet tal-kontumaċi intimata.

12. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ippreżentati fl-1 ta' Diċembru 2020.

13. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat

14. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi, permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Settembru 2017, hija daħlet fi ftehim ma' l-intimata kontumaċi Bethany Debattista imsejjaħ 'Consignment Agreement – NEW CID Cosmetics & Dr Grandel Kosmetik', fejn, fost affarjiet oħra, is-soċjeta' rikorrenti ftehmet illi tissupplixxi lil 'Hush Nail Salon' merkanzija u 'stands' intiżi għal bejgħ ta' l-istess, liema merkanzija kienu mgħoddija 'on a consignment basis' u jitħallsu hekk kif jinbiegħu (fol 38).

15. Jirriżulta, madanakollu, illi r-relazzjoni kummerċjali ma baqgħetx għaddejja għal wisq żmien għax anqas minn xahrejn wara, ossija fit-2 ta' Novembru 2017, jirriżulta li, minn korrispondenza elettronika ma' 'Caroline Hush Salon', s-soċjeta' rikorrenti għarrfet li kienu ser jerġgħu jieħdu lura l-oġġetti u l-istands. (fol 27)

16. Jirriżulta illi, madanakollu, jidher illi s-soċjeta' rikorrenti ma ħaditx lura l-istands u l-merkanzija u eventwalment fit-2 ta' Ottubru 2018 s-soċjeta' rikorrenti intavolat Mandat

ta' Qbid, Nru 1567/18 (fol 34), li ġie eżegwit mill-marixxal Eugenio Mallia fit-30 ta' Ottubru 2018 meta l-merkanzija kollha fil-ħanut 'Hush Nail Salon' ġewwa Triq it-Tagħam, Mellieħa ġiet elevata u meħuda mill-konsinjatarju appuntat mis-soċjeta' rikorrenti, ossija Randolph Cauchi (fol 42).

17. Jirriżulta illi fit-22 ta' Ottubru 2018, permezz tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti pproċediet kontra Bethany Debattista sabiex tirritorna l-istands, li nel frattemp ġew elevati permezz tal-Mandat ta' Qbid, kif ukoll tħallas għal danni illi sofriet is-soċjeta' rikorrenti.

18. Jirriżulta illi l-intimata Bethany Debattista, debitament notifikata, naqqset milli tressaq difiża iżda ppreżentat sottomissjonijiet finali bħala kontumaċi.

## Ikkunsidrat

19. Il-Qorti tosserva li l-oġġetti, ossija żewġ *stands* bil-prodotti tan-'*New CID Cosmetics*' u ta' '*Dr. Grandel Kosmetik*', ġew elevati waqt il-mori tal-kawża permezz tal-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi u jinsabu fil-pussess tal-konsinjatarju Rudolph Cauchi, kif iddikjarat mir-rappresentanta tas-soċjeta' rikorrenti stess, Maria Attard, fl-affidavit tagħha f'paragrafu 17 (fol 26).

20. Il-Qorti tosserva wkoll illi jidher illi s-soċjeta' rikorrenti, permezz ta' l-istess Mandat ta' Qbid, ħadet lura pussess tal-merkanzija illi kien għad hemm u jinsabu fil-pussess tal-konsinjatarju minnha mqabbad.

21. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm indikat illi kien hemm prodotti neqsin jew shop-soiled, fix-xhieda tagħha, s-soċjeta' rikorrenti ma forniet ebda indikazzjoni dwar x'kienu l-prodotti illi ma ġewx ritornati u x'kienu l-ħsarat minnha pretiżi fuq l-istands illi hija kienet elevat.

22. Is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat biss serje ta' *Sales Orders* mingħajr ebda indikazzoni ta' x'kien ritornat jew le, u għalhekk il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti ma ressqitx provi suffiċjenti biex tillikwida l-ammont lilha dovut għall-merkanzija mhux kkonsenjata lura lilha.

23. Is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi wkoll illi l-intimata għandha tħallasha penali ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) skond il-ftehim datat 20 ta' Settembru 2017, stante illi l-intimata Bethany Debattista naqqset milli tonora l-ftehim.

24. Il-Qorti tosserva illi l-intimata, fis-sottomissjonijiet tagħha, indikat illi hija kienet minuri fid-data meta ffirmat il-kuntratt, u għarrfet illi dana jirriżulta minn numru tal-Karta tal-Identita' tagħha li jaqra 79301L.

25. Il-Qorti tirrileva li kien ikun aħjar kieku l-intimata, flok ma' ressqet tali difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha, ressqet id-difiża tagħha fil-ħin lilha mogħti skond il-Liġi, stante illi l-Qorti ma tistax taċċetta bħala fatti, dikjarazzjoni illi jkunu saru fis-sottomissjonijiet finali u li ma huma korroborati minn ebda provi dokumentarji stante illi ma kellhiex id-dritt li tippreżenta provi riżultat ta' nuqqas tagħha.

26. Il-Qorti, għalhekk, ma hijiex ser tikkunsidra tali difiża.

27. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi l-ftehim redatt mis-soċjeta’ rikorrenti fl-20 ta’ Settembru 2017 u li abbażi tiegħu hija mexxiet il-proċeduri odjerni, mkien ma jsemmu lill-intimata Bethany Debattista bħala parti tal-kuntratt. Di fatti, jiġi osservat illi l-kuntratt sar bejn “***CareWell by Reactilab Limited represented here on by Stephen Debono***” u “***HUSH NAIL SALON, Triq it-Tagħam, Mellieħa, Malta***” li hija ndikata bħala “*the Consignee*”.

28. Għalkemm huwa minnu illi persuna indikata bħala “*BDebattista*” tidher illi ffirmat tali ftehim (fol 10), minn imkien ma jidher illi dina hija l-firma ta’ l-intimata Bethany Debattista u l-istess Bethany Debattista ma tissemma mkien fil-kuntratt.

29. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ebda danni ma jistgħu jiġu akkollati lill-intimata Bethany Debattista, peress illi ma jidhirx illi hija parti minn tali ftehim.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** l-ewwel u tieni talba tas-soċjeta rikorrenti u għalhekk;

**Tiddikjara** li s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja taż-żewġ stands bil-prodotti tan- 'New CID Cosmetics’ u ta’ 'Dr. Grandel Kosmetik';

**Tawtorizza** li ż-żewġ stands tal-prodotti tan-'New CID Cosmetics' u ta' ‘Dr. Grandel Kosmetik’ jiġu rilaxxati a favur tas-soċjeta’ rikorrenti ġialadarba dawn ġew elevati permezz tal-mandat ta’ qbid bin-numru ta’ referenza 1567/2018.

**Tiċħad** it-tielet, raba’ u ħames talba tas-soċjeta’ rikorrenti.

**Spejjeż** tal-Mandat ta’ Qbid Nru 1567/2018 kif ukoll porzjon ta’ tnejn minn ħamsa (2/5) tal-ispejjeż tas-soċjeta’ rikorrenti għal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimata Bethany Debattista filwaqt illi l-kumplament tal-ispejjeż ikunu a kariku tas-soċjeta rikorrenti, għajr għall-ispejjeż inkorsi mill-intimata kontumaċi illi jibqgħu a kariku ta’ l-intimata wkoll.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**